MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## SCICLUNA DAVID

Seduta ta' 11 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 72/1994/2

Norman Rossignaud
Vs
Charles Vella ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Charella Company Limited

Illum, 11 ta' Ottubru 2002

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fil-21 ta' Jannar 1994 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta:

Illi hu propjetarju tal-fond 17/18, Creche Street, Sliema u l-konvenut nomine hu propjetarju tas-sit adjacenti numru 19. Fl-istess triq, fejn bena block ta' flats;

Illi fil-kors u b'rizultat tal-kostruzzjoni ta' dan il-bini l-attur sofra danni fuq il-propjeta' tieghu, kif konfermat mill-anness certifikat peritali markat Dok. "A", liema hsarat

kienu rizultat tan-negligenza, traskuragni u nuqqas ta' hila fis-sengha u fl-arti tal-bini tal-konvenut u/jew tan-nies minnu inkarigati. Inoltre b'konsegwenza tal-istess, l-attur kien prekluz milli jokkupa l-fond, b'danni konsiderevoli ghalih.

Illi l-konvenut ikkrea servitujiet ta' introspezzjoni li jiggravaw il-propjeta' tal-attur billi (1) naqas li jibni l-parapeti fuq in-naha ta' wara gholi ta' sebgha (7) filati, u (2) fetah twieqi kemm fix-shaft interna jharsu ghall-propjeta' tal-attur kif ukoll fuq il-faccata, izda naqas li jzomm id-distanza permessa mill-ligi, u dan abusivament u ilegalment;

Illi nonostante diversi interpellazzjonijiet kemm ufficjali u kemm bonarji, il-konvenut baqa' inadempjenti;

talab li din il-Qorti:

1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-hsarat sofferti mill-attur fuq il-propjeta' tieghu, li kienu rizultat ta' negligenza, traskuragni u nuqqas ta' hila fis-sengha u fl-arti tal-bini da parti tal-konvenut u/jew tan-nies minnu inkarigati, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

2. tillikwida d-danni rizultanti bl-opra tal-istess perit;

3. tikkundana lill-konvenut ihallas id-danni hekk likwidati; u

4. tiddikjara li l-konvenut abuzivament u illegalment ikkrea servitujiet gravanti l-propjeta' tal-attur billi kif fuq intqal naqas li jibni l-parapetti fuq in-naha ta' wara fl-gholi permess mill-ligi, u inoltre naqas li jzomm id-id-distanza permessa mill-ligi bit-twieqi miftuha migtuha kemm fix-shaft interna kif ukoll fuq il-faccata, u tikkundannah li fi zmien qasir u perentorju jaghmel ix-xogholijiet nrecessarji a spejjez tieghu, taht id-direzzjoni tal-isstess peerit, biex jitnehhew dawn is-servitujiet, u in difett, l-attur jigi awtorizzat li jaghmel ix-xogholijiet hu a spejjez tal-konvenut taht id-direzzjoni tal-istess perit.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta’ Marzu 1992 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn qal:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi mhux minnu li l-konvenut huwa responsabbli ghal xi danni li seta sofra l-attur.

2. salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet tat-2 ta' Mejju 1994 li permezz tieghu gie nominat l-A.I.C. M'Angelo Refalo bhala perit tekniku, bl-assistenza ta' Dr. Edgar Depasquale bhala perit legali, biex ifittex u jirrelata dwar it-talbiet tal-attur wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjoni tal-konvenut, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tad-19 ta' Frar 1996 li permezz tieghu ghall-imsemmi perit legali giet nominata Dr. Sandra Caruana (illum mizzewga Sladden);

Rat ir-relazzjoni tal-periti gudizzjarji debitament mahlufa fit-30 ta' Jannar 2001;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Mill-provi jirrizulta li l-attur huwa proprjetarju tal-fond 17/18 Creche Street, Sliema filwaqt li l-konvenut nomine kien akkwista l-fond adjacenti numru 19 fl-istess triq, hattu u bena blokk flats minfloku. Fil-kors tax-xoghlijiet, il-proprjeta` ta' l-attur garbet diversi hsarat u qabel ma giet intavolata din ic-citazzjoni saru tentattivi da parti ta' l-attur biex il-kwistjoni tigi rizolta bonarjament, izda inutilment. Il-hsarat gew konstatati mill-perit tekniku waqt access li nzamm fis-26 ta' Settembru 1994 u f'access sussegwenti mizmum fl-20 ta' Jannar 1998 seta' josserva xi xoghol li kien sar mill-istess attur. Fir-relazzjoni tieghu l-perit

tekniku elenka u spjega l-ilmenti ta' l-attur u ndika l-prezz tax-xoghol rimedjali li sar jew kellu jsir. Il-Qorti a skans ta' ripetizzjoni tirreferi ghar-relazzjoni peritali f'dan ir-rigward u specifikatament il-paragrafu 23 (mit-23.1 sa 23.7) u se tindika fil-qosor x'kienu dawn il-hsarat li rrizultaw lill-perit tekniku mill-provi migbura.

(1) Hsara fil-hitan - konsistenti primarjament f'konsenturi, targa tal-bejt imkissra, blata maqsuma, kantun imcaqlaq, xriek maqsuma u xi hsara fuq il-faccata.
(2) Hsara fil-*waterproofing membrane* ta' fuq il-bejt - titjir ta' zebgha fuq il-*membrane* u f'diversi bnadi mal-hajt li jaghmel mal-fond tal-konvenut it-tberfila tal-*membrane* nqatghet minn mal-hajt.
(3) Hsara f'ghamara - tiswija ta' skrivanija.
(4) Hsara fil-madum tal-bitha - maduma miksura u madum iehor imtabba'.
(5) Umdita` fil-hajt ta' l-appogg - parti kawzata minn dhul ta' ilma waqt ix-xoghlijiet mill-konvenut nomine u parti minn effett ta' *bridging* wara li nbena hajt tal-konkos mal-hajt ta' l-appogg.
(6) Il-hajt tal-konkos li nbena mal-hajt ta' l-appogg - din il-qoxra skorriet is-saff tal-qatran u billi ma ttihdux mizuri biex jigi evitat *bridging*, issa trid tigi injettata kimika fil-hajt biex tilqa' ghall-umdita`.

Dwar ilmenti ohra li ma gewx accettati mill-perit tekniku (para. 23.7), l-attur fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu jirribadixxi li wara xi zmien is-sidien tal-flats li xtraw *finished* minghand il-konvenut sabu *blockage* f'katusa ta' l-ilma. X'kienet il-kawza ta' dan l-allegat *blockage* ma jirrizulta minn imkien u ghalhekk il-Qorti ma tistax taghti aditu ghal dan l-ilment.

Il-perit tekniku ndika li l-hsarat hawn fuq elenkati u xoghlijiet relatati kienu kollha konsegwenza tal-hatt tal-bini tal-konvenut nomine u bini mill-gdid ta' blokk flats u ghalhekk l-attur ghandu jigi rizarcit ghall-ispejjez li ghamel jew li jrid jaghmel fir-rigward. Dawn jikkonsistu fis-segwenti:

Ghal dak imsemmi fin-numri (1) u (5) Lm 600

| | |
|---|---|
| Ghal dak imsemmi fin-numru (2) | 195 |
| Ghal dak imsemmi fin-numru (3) | 134.55 |
| Ghal dak imsemmi fin-numru (4) | 470 |
| Ghal dak imsemmi fin-numru (6) | 600 |
| | ------------------ |
| | Lm1999.55 arrotondati |

ghal Lm2000.

Fil-premessi tieghu fic-citazzjoni l-attur ighid li b'konsegwenza tad-danni fil-fond tieghu, kien prekluz milli jokkupa l-istess fond b'danni konsiderevoli ghalih. Fil-kors tal-perizja ma saret l-ebda riferenza ghal dawn id-danni allegatament sofferti mill-attur, tant li fir-relazzjoni taghhom il-periti gudizzjarji ma llikwidaw xejn f'dar-rigward (ara para. 21). Din il-Qorti pero` sussegwentement laqghet talba ta' l-attur (digriet tas-27 ta' Dicembru 2001 fuq rikors tat-30 ta' Novembru 2001) u semghet ix-xiehda tieghu u ta' martu li kkonfermaw li minhabba l-hsarat u x-xoghlijiet li kienu qeghdin isiru mill-konvenut nomine ma setghux jidhlu jokkupaw il-proprjeta` taghhom u kellhom jaghmlu uzu minn zewg appartamenti taghhom stess f'numru 63 Cathedral Street, Sliema. Dawn l-appartamenti ma setghux b'hekk jikruhom u l-attur xehed li dejjem trid Lm100 jew Lm150 ghal *three-bedroomed* flat f'tas-Sliema. Huwa sussegwentement esebixxa permezz ta' nota tat-18 ta' April 2002 dikjarazzjoni guramentata ta' rapprezentant tas-socjeta` Cassar & Cooper (Real Estate) Limited li jikkonferma li bejn 1991 u 1992 dawn iz-zewg appartamenti kienu registrati fuq il-kotba taghhom ghal *letting* bil-prezz ta' Lm150 *furnished* fix-xahar ghal kull appartament.

Issa mill-atti ma jirrizultax kemm l-attur u l-familja tieghu damu jirrisjedu f'dawn l-appartamenti minhabba x-xoghlijiet li kien qieghed jaghmel il-konvenut nomine. Fin-nota tieghu l-attur ighid li prova li kellu jmur jirrisjedi f'post iehor tirrizulta mill-indirizz moghti fic-citazzjoni stess. Naturalment kieku din wahedha kellha tittiehed bhala prova konkreta tal-fatt li l-attur kien qieghed jirrisjedi band'ohra, allura bl-istess logika dan ifisser li meta kiteb l-ittra tat-2 ta' Novembru 1992 (Dok. NR4) lill-konvenut nomine, l-attur kien ghadu qieghed jirrisjedi f'numru 17

Creche Street, Sliema peress li dak huwa l-indirizz li huwa jaghti f'din l-ittra. U billi l-ircevuti relattivi ghax-xoghol rimedjali li huwa ghamel igibu dati f'Novembru u f'Dicembru 1994, dan ghandu jfisser li dahal fil-proprjeta` tieghu f'dak il-perijodu meta tlesta x-xoghol. Haga ohra li ma rrilevax l-attur huwa jekk meta kienu jinkrew l-appartamenti, kinux jinkrew kontinwament jew perjodikament.

F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti qed tiffissa t-telf ta' qligh minn dawn l-appartamenti *arbitrio boni viri* fis-somma ta' tlett elef u sitt mitt liri Maltin (Lm3,600).

Ghalhekk id-danni totali huma likwidati fis-somma komplessiva ta' **Lm5,600**.

Ilment iehor ta' l-attur hu li l-konvenut nomine bix-xoghlijiet li wettaq, holoq servitujiet ta' introspezzjoni gravanti l-proprjeta` ta' l-attur billi naqas li jibni l-parapetti fuq in-naha ta' wara gholi ta' seba' filati u fetah twieqi kemm fix-shaft intern iharsu fuq il-proprjeta` ta' l-attur kif ukoll fuq il-faccata u naqas li jzomm id-distanza permessa mil-ligi. Dwar din il-parti tal-vertenza l-periti gudizzjarji rrelataw hekk:

"22.1.1 Rigward tal-faccata dan jirrigwarda tieqa f'*elevated grounf floor* li hi eqreb lejn il-hajt tal-qasma bejn il-fondi tal-partijiet milli stabbilit bl-Artikolu Numru 443 tal-Kodici Civili, u cioe' eqreb minn 0.76 metri (2'6"). Mart l-attur semmiet fix-xhieda taghha li hemm tieqa fil-faccata tal-bini tal-konvenut li hi izjed vicin il-bini taghhom milli huwa permess mill-ligi.

22.1.2. Fl-access li sar fis-26 ta' Settembru 1994 l-esponenti ikkontestaw li din it-tieqa hija biss 56 centimetri 'il boghod mil-linja divizorja bejn iz-zewg fondi tal-partijiet.

22.1.3. Il-konvenut xehed in linea generali dwar is-servitujiet li ssemmew fil-paragrafu numru 3 tac-citazzjoni. Huwa qal li kollox sar skond il-ligi u fil-fatt hareg il-permess tal-Planning Authority qabel ma bena l-blokk flats tieghu. Zied ighid li kien mar Building Inspector li

kkonferma x-xoghol sar skond il-permess imsemmi. Apparti l-fatt illi l-konvenut qatt ma ezibixxa dan il-permess, kif obbliga ruhu li jaghmel, l-esponenti jirrileva illi permess tal-bini huma dejjem mahruga *saving third party rights.* Il-Building Inspector ma hux kompitu tieghu jara li dawn it-*third party rights* jigu rispettati.

22.1.4. Meta rega' xehed l-attur fis-26 ta' Mejju 1995 u elenka l-ilmenti tieghu mill-gdid, huwa rega' semma din it-tieqa li ma nzammitx f'distanza regolamentari fil-kostruzzjoni taghha ta' 2'6" mill-propjeta' tieghu.

22.1.5. Ghaldaqstant hija l-opinjoni tal-espopnenti illi din it-tieqa trid tidjieq biex tigi rispettata d-distanza ta' 0.76 metri mill-linja divizorja. A rigward terminu biex isir dan ix-xoghol, din hija kwistjoni pjuttost difficli biex tigi determinata mill-esponenti peress li l-esekuzzjoni ta' dan ix-xoghol jirrikjedi permess "ad hoc" mill-Plannibg Authority peress li si tratta ta' tibdil fil-faccata tal- bini tal-konvenut.

22.2.1 L-attur u martu qed jilmentaw ukoll dwar servitu li nholoq bil-ftuh ta' twieqi fix-shaft li hemm ma l-appogg fil-bini tal-konvenut. Mart l-attur xehdet li hi u l-attur qed jilmentaw minn twieqi mal-genb li saru f'shaft dejjaq, liema twieqi huma faccata taghhom, u wkoll ohrajn mal-genb fejn ma nzammitx id-distanza regolamentari. Hija xehdet li talbu lill-konvenut biex jibqa tiela bil-hajt li jaqsam il-btiehi tal-partijiet, u dan il-konvenut ma ghamlux.

22.2.2 L-attur ezibixxa r-ritratt Dok. R2 anness ma' din ir-relazzjoni biex jindika t-twieqi li qed jilmenta minnhom, u cioe' wahda faccata u tnejn fil-gnub, dan fis-sulari 'l fuq minn sular ghola mill-bejt tal-fond tal-attur.

22.2.3 Il-Perit Rossignaud ukoll semma dan l-ilment fl-ittra tieghu Dok. "A" fol. 6 tal-process, u precisament fil-paragrafu "G". "Similarly, since the internal shaft at No. 19 and which touches the party wall is not ten (10) feet deep, the windows from this property are in contravention as they overlook from the airspace at No. 17/18." (tal-attur) "Unless the windows are blocked, it is suggested

that the party wall be constructed up to the height of the building even along this internal shaft”.

22.2.4 Il-Perit Sapienza ghall-konvenut irreplika illi huwa tkellem dwar dan l-ilment mal-Ispettur Sanitarju fid-Dipartiment tal-Ambjent; u li dan qallu li sa fejn jirrigwarda l-Ligijiet Sanitarji ma hemm ebda stipulazzjoni li l-hajt divizorju ma’ shaft, anke stess jekk hija inqas minn 10` 0`` x 10` 0``, ghandha tinghalaq. Il-Perit Sapienza ikkonkluda dwar dan billi ssugerixxa illi joghla l-hajt oltre li hemm b’ghaxar filati ohra, pero’ dan ghal skopijiet ta’ sigurta’ li, fl-opinjoni tal-esponenti, ma hix ir-raguni tal-ilment tal-attur, u ghalhekk ma ghandhomx jesprimu opinjoni dwarha.

22.2.5 Meta sar l-ewwel access gie kkonstatat illi dan ix-Shaft fil-fond tal-konvenut huwa maqsum minn mal-bejt tal-attur b’hajt gholi 12`0`` (3.66 metri cirka). Gie wkoll ivverbalizzat illi t-twieqi fil-genb tax-Shaft tal-fond tal-konvenut ma setghetx titkejjel id-distanza taghhom mil-linja medjana “<u>pero’ il-perit tekniku kkonstata illi wisq probabbli qeghdin fid-distanza regolamentari</u>” L-attur ma insistiex ghal prova ulterjuri, u cioe’ biex il-kejl jittiehed mill-fond tal-konvenut. A rigward it-tieqa fil-faccata tax-shaft, l-esponenti jissottomettu illi dwar dan ma jirrizulta xejn fil-Kodici Civili, u lanqas fil-Ligijiet Sanitarji. U dwar li qal il-Perit Rossignaud li “They overlook the airspace at No. 17/18”. L-esponenti jissottomettu li dan kien ikun il-kaz li kieku it-twieqi infethu fil-hajt li jaqsam il-propjetajiet tal-partijiet. Fil-fatt it-twieqi jaghtu ghax-shaft tal-konvenut stess.

22.2.6 Il-konvenut bena hajt li jaqsam dan ix-Shaft mill-bitha tal-attur ghal gholi ta’ tnax il-pied (12`0``) mill-wicc tal-bejt tal-attur. Dan huwa konfermi ma’ dak li hemm stipulat fl-Artikolu Numru 408 (a) tal-Kodici Civili. Jekk l-attur irid izid fuq dan l-gholi biex jassigura l-“privacy” tieghu dan ghandu kull fakulta’ li jaghmlu pero’ minghajr ma jippretendi xi kumpens mill-konvenut, u salv li jottjeni il-permessi mehtiega.

22.3.1. L-ahhar aspett dwar l-allegati sevitujiet jirrigwarda l-gallerija fuq wara tal-fond tal-konvenut. Mart l-attur xehdet li l-konvenut ghamel gallarija fuq wara minghajr ma zamm id-distanza regolamentari u minghajr ma bena “curtain wall” bejn il-propjetajiet tal-partijiet.

22.3.2 L-attur f’dan ir-rigward xehed li meta l-bini tal-konvenut kien fit-tieni sular (first floor) huwa kien kellem lill-haddiema tal-konvenut u l-bennej irtira l-armar tal-konkos tal-gallerija b’2`6`` mil-linja tal-qasma ta’ bejniethom, u li hekk inghata l-konkos.

22.3.3 Fir-rapport tal-Perit Rossignaud a fol. 7 tal-process hemm li minn dawn il-galleriji min ikun fihom jista’ jissindika il-propjeta’ tal-attur peress li l-hogor taghhom ma hux tal-gholi regolamentari, u cioe’ 7 filati. L-esponenti jirrilevaw li fil-fatt l-gholi regolamentari f’dan il-kaz huwa ta’ 1.83 metri (6’0’’), izda ghall-konvenjenza minhabba l-gholi ta’ filata li hija inqas minn pied, huwa soltu li wiehed jirreferi ghal dan l-gholi bhala 7 filati. Dan pero’ apparti mill-meritu tal-kwistjoni in ezami.

22.3.4 Mill-ewwel access li sar mill-esponenti jirrizulta dwar dan l-aspett tal-vertenza illi t-terrazzin fuq wara tal-fond tal-konvenut ghandhom il-hajt divizorju cirka tlett filati gholi; u wkoll li “tnejn mill-bibien tat-terrazjoni huma ezatt mal-“hajt divizorju”. L-esponenti jtennu li ma accedewx fil-fond tal-konvenut, pero’ in linea generali jissottomettu illi fejn il-galleriji huma eqreb minn 0.76 metru mill-hajt divizorju irid jinbena hajt mal-genb taghhom sa gholi ta’ 1.83 metru, u dan a spejjez tal-konvenut u fi zmien xahar minn mindu jigi hekk ordnat li jaghmel minn din l-Onorabbli Qorti, kemm il-darba taqbel ma` din il-konkluzjoni tal-esponenti dwar dan; u fin-nuqqas, l-attur jigi awtorizzat li jaghmel ix-xoghol huwa a spejjez tal-konvenut.

22.3.5 Hawn ukoll l-esponenti jirrilevaw illi l-fatt li dawn il-galleriji huma koperti bil-permessi tal-bini – jekk stess huma peress li l-konvenut naqas li jezibihom – ma jezonerax lill-konvenut milli jirrispetta d-distanzi stipulati fil-Kodici Civili.”

Dwar il-paragrafu 22.1.5 l-attur ighid fin-nota tieghu li l-konvenut nomine m'ghadux il-proprjetarju u billi l-attur ma jistax japplika ghall-permess, ghandu jkun hemm kumpens bhala rimedju alternattiv. Dak li qed jitlob l-attur huwa *ultra petita* u ghalhekk il-Qorti ma tistax taccetta tali pretensjoni.

Dwar il-paragrafu 22.2.5 l-attur ighid fin-nota tieghu li l-perit tekniku ghandu zball fil-kejl tal-hajt billi filwaqt li fil-verbal ta' l-access gie ndikat li l-hajt huwa gholi 120", f'dan il-paragrafu l-hajt gie ndikat bhala 12'0". Barra minn hekk isostni li l-hajt huwa attwalment gholi 102". M'hemm l-ebda dubju li fir-relazzjoni ttiehed zball billi fil-verbal ta' l-access l-gholi ta' dan il-hajt tnizzel fi kliem u figuri bhala "mija u ghoxrin pulzier (120")". Issa skond il-paragrafu (a) ta' l-artikolu 408, hajt li jaqsam zewg btiehi ghandu jkun *"gholi tliet metri u nofs"*. Jekk il-hajt huwa gholi 120", ifisser li mhuwiex l-gholi stipulat bil-ligi peress li 120" jekwivalu ghal 3.048 metri, *multo magis* jekk l-gholi tieghu huwa biss 102" kif isostni l-attur. Ghalhekk l-attur ghandu kull dritt jinsisti li dan il-hajt jitla' sa l-gholi stabilit mil-ligi, aktar u aktar minhabba t-twieqi li hemm li jaghtu ghal gox-shaft ghalkemm, bhalma tajjeb irritjenew il-periti gudizzjarji, dawn it-twieqi ma joholqu l-ebda servitu`.

Dwar il-paragrafi 22.3.4 u 22.3.5, l-attur esprima d-diffikulta` li jista' jkollu biex isir ix-xoghol fil-gallariji izda t-talba tieghu ghal kumpens hija wkoll *ultra petita*.

Dwar il-paragrafi 22.3.1 u 22.3.2 ma tara l-ebda raguni biex tvarja l-istima accettata mill-perit tekniku meta l-attur ma pprezenta l-ebda evidenza li tindika li nefaq jew se jkollu jonfoq aktar u lanqas ma elenka l-hsarat allegatament sofferti f'ghamara ohra.

Dwar il-paragrafu 23.5.11 il-Qorti ma taqbilx ma' l-attur li qieghed jigi penalizzat izda hija biss applikazzjoni tal-principju li d-danneggjat ghandu jimminimizza kemm jista' jkun id-danni.

Dwar dak li qal l-attur rigwardanti il-paragrafu 23.7, il-konvenut nomine jista' jinzamm responsabbli ghal dawk il-hsarat li **jirrizultaw** huma kawza ta' l-agir illegali tieghu.

Ghalhekk, salv dak li ntqal, taghamel taghha l-konkluzjoniiet u rakkommandazzjonijiet tal-periti gudizzjarji fir-relazzjoni taghhom dwar il-kwistjoni tas-servitujiet.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine u tilqa' t-talbiet attrici u ghalhekk:

(1) tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-hsarat sofferti mill-attur fuq il-proprjeta` tieghu li kienu rizultat ta' negligenza, traskuragni u nuqqas ta' hila fis-sengha u fl-arti tal-bini da parti tal-konvenut u/jew tan-nies minnu nkarigati,
(2) tillikwida d-danni rizultanti fis-somma ta' Lm5,600.
(3) tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas lill-attur din is-somma hekk likwidata ta' Lm5,600.
(4) tiddikjara li l-konvenut nomine abusivament u illegalment ikkreja servitujiet gravanti l-proprjeta` ta' l-attur bit-tieqa fil-faccata u bil-gallariji ossia parapetti fuq wara,
(5) tikkundanna lill-konvenut nomine (i) biex fi zmien hmistax-il gurnata millum japplika ghall-permess opportun mill-Awtorita` ta' l-Ambjent u Ippjanar sabiex jinghata l-permess biex tidjieq it-tieqa tal-faccata u b'hekk tigi rispettata d-distanza legali ta' 0.76 metru mil-linja divizorja u li jaghmel ix-xoghol opportun fi zmien hmistax-il gurnata mill-hrug ta' tali permess, (ii) biex fi zmien xahar millum jibni l-i*screen walls* necessarji fuq il-gallariji ta' wara sa gholi ta' 1.83 metru, u (iii) biex fi zmien xahar millum jibni l-hajt tax-shaft sa gholi ta' 3.5 metri - dan kollu taht id-direzzjoni ta' l-A.I.C. M'Angelo Refalo
(6) tawtorizza lill-attur biex, in difett, jaghmel ix-xoghlijiet hu a spejjez tal-konvenut nomine u taht id-direzzjoni ta' l-istess A.I.C. M'Angelo Refalo.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut nomine.

**ONOR. IMHALLEF**
**DR. DAVID SCICLUNA**
**D/REGISTRATUR**